**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 20 ta’ Ottubru, 2017**

Kawza Numru: 26/2017MS

Go plc (C22334)

Vs

Xuereb Glass Company Limited (C23471)

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat fid-9 ta’ Mejju 2017 fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet ili s-socjeta’ intimata tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ elf mija u wiehed u hamsin Euro u dsatax il-centezmu (€1151.19) rapprezentanti provvista ta’ servizzi u telekomunikazzjoni fuq kont numru 10225444, kif ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ra li fit-13 ta’ Mejju l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghal nhar is-16 ta’ Gunju 2017. (fol 20) liema seduta giet differita ghal nhar l-14 ta’ Lullju 2017 minhabba bidla fil-gudikant. (fol 23)

Ra li fis-16 ta’ Mejju 2017, is-socjeta’ intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smigh u bid-dokumenti (fol 3), izda baqghet ma ressqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem dan it-Tribunal fl-14 ta’ Lulju 2017.

Sema’ l-provi;

Ra illi Dr. Georgine Schembri iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Illi permezz ta’ din it-talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta’ intimata, tas-somma ta’ elf mija u wiehed u hamsin Euro u dsatax il-centezmu (€1151.19) in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni provduti fuq il-kont numru 10225444 moghti lis-socjeta’ intimata.

Illi fis-seduta mizmuma nhar l-14 ta Lulju 2017, rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.
Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jitwalx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos milli tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, d-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom ighoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija, hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxi l-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm is-socjeta' intimata giet debitament notifikata, la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m'ghandux mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba fil-grad li trid il-ligi, filwaqt li l-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata li thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija u wiehed u hamsin Euro u dsatax il-centezmu (€1151.19) bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data ta' din is-sentenza. Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' intimata.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*